# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 11 ta' Frar 2020**

**Kawza Numru: 10**

**Rikors Guramentat Numru:-1123/2019JVC**

**Av. Jennifer Cosaitis bhala mandatarja specjali ta' Wenxuan Yu illum Wenxuan Evan Yu**

**vs.**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat fejn ir-rikorrenti Dr Jennifer Cosaitis nomine kkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

1. Illi l-esponenti hija mandatarja specjali ta' Wenxuan Evan Yu, u dan skont il-prokura datata hamsa ta' Awwissu tas-

sena elfejn u dsatax (05/08/2019) annessa u mmarkata bhala Dok 'A';

2. Illi r-rikorrent twieled f'Guangdong, ic-Cina nhar it-tmienja ta' Lulju tas-sena elf disa' mija tmienja u tmenin (08/07/1988), u inghata l-isem 'Wenxuan Yu', kif jixhed ic-certifikat tat-twelid anness u mmarkat bhala Dok 'B', u liema certifikat igib in-numru ta' registrazzjoni 5609 tas-sena 2017;

3. Illi r-rikorrent ghix il-maggor parti ta' hajtu fl-Istati Uniti u fir-Renju Unit, fejn dejjem u konsistentement kien maghruf bl-isem ta' 'Evan' stante illi kif inghad, qatta l-maggor parti ta' hajtu f'pajjizi illi huma *English-speaking* u di fatti illum il-gurnata jghix Londra, fejn ilu jghix ghal dawn l-ahhar disa' (9) snin;

4. Illi r-rikorrent ottjena c-cittadinanza Maltija fl-ewwel ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax (01/06/2016) permezz tal-Individual Investor Programme, kif jirrizulta mid-dokument anness u mmarkat bhala 'Dok C', ghalkemm jinghad illi d-dokumenti ufficjali tieghu xorta wahda gew irregistrati bl-isem 'Wenxuan Yu' u mhux 'Wenxuan Evan Yu' kif ir-rikorrent filfatt huwa maghruf;

5. Illi jinghad illi r-rikorrent anke b'mod formali biddel ismu fir-Renju Unit permezz ta' deed poll (Ara dok 'D' anness *animo ritirandi),* liema deed poll huwa regolat b'mod legali fir-Renju Unit, u permezz ta' liema, r-rikorrent zied l-isem 'Evan' bhala *middle name,* u ismu llum il-gurnata huwa ufficjalment u legalment maghruf bhala 'Wenxuan Evan Yu' sabiex jirrifletti l-isem illi effettivament huwa maghruf bih. Din ir-registrazzjoni ufficjali ta' isem ir-rikorrent tista' tigi kkonfermata mill-licenzja tas-sewqan tar-rikorrent, li fir-Renju Unit huma kkunsidrati dokumenti formali tal-identita, u kopja legali ta' liema qed tigi annessa u mmarkata bhala Dok 'E';

6. Illi l-familjari, l-hbieb, u l-kollegi tar-rikorrent lkoll jafuh u jirreferu ghalih bhala 'Evan', stante l-fatt illi kif inghad, dan l-isem ilu jintuza minnu sa minn ckunitu, kif ser jigi ampjament pruvat fil-mori tal-kawza;

7. Illi din l-inkonsistenza fl-isem tar-rikorrent qed tikkawzalu problemi stante l-fatt illi l-isem illi huwa juza fil-hajja ta' kuljum, fil-hajja professjonali, kif ukoll f'korrispondenza, ma jaqbilx ma' dak illi jidher fuq id-dokumenti ufficjali Maltin tieghu meta jkollu bzonn juri dokument ta' identita, u d-dokumenti Maltin ma jaqblux ma dawk tar-Renju Unit;

8. Illi meta r-rikorrent prova jaghmel it-tibdilit necessarji fid-dokumenti Maltin tal-identita tieghu sabiex izid l-isem 'Evan' ma' ismu 'Wenxuan', gie infurmat illi dan ma jistax isir jekk mhux bi proceduri legali quddiem din l-Onorabbli Qorti, minkejja illi huwa ilu snin maghruf b'dan l-isem;

9. Illi minkejja illi legalment, wara illi huwa biddlu permezz ta' deed poll, isem ir-rikorrent huwa filfatt 'Wenxuan Evan Yu', u dan permezz ta' att ufficjali tar-Renju Unit kif inghad, dan l-istat ta' fatt mhuwiex jigi rikonoxxut mill-Awtoritajiet Maltin, li jmur kontra il-principju ta' 'mutual recognition' ta' atti ufficjali minn pajjiz iehor skont il-principji tad-dritt internazzjonali privat;

10. Illi ghalhekk ir-rikorrent jixtieq jirregola l-posizzjoni tieghu b'dan illi jsiru l-korrezzjonijiet relattivi fic-certifikat tat-twelid tieghu, u li ghandhom jigu riflessi f'kull att tal-istat civili tieghu sabiex dawn jirriflettu r-realta tal-fatti, u tigi evitata iktar konfuzjoni;

11. Illi din it-talba qed issir ai termini tal-Artikolu 253 et seq tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

12. Illi r-rikorrent jaf b'dawn il-fatti personalment;

Għaldaqstant, ir-rikorrent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna;

1. Tiddikjara illi l-isem korrett tar-rikorrent huwa 'Wenxuan Evan Yu';

2. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet kollha neccessarji fl-atti tat-twelid tar-rikorrent, u dana billi jsiru l-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet meħtieġa fl-atti tat-twelid u f'kull att ieħor relattiv u sussegwenti sabiex ismu jigi indikat u jkun magħruf bħala "Wenxuan Evan Yu" kull fejn ikun hemm meħtieġ;

3. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet f'isem ir-rikorrent kull fejn jirrizulta u ikun hemm l-ħtieġa, inkluz izda mhux limitatament fic-certifikat tat-twelid tar-rikorrent illi jgib in-numru 5609 tas-sena 2017, u c-certifikat ta' cittadinanza numru 5365 datat l-ewwel ta' Gunju elfejn u sbatax (01/06/2017), sabiex isiru l-korrezzjonijiet relattivi fid-dokumenti tal-identita tar-rikorrent numru 0560917(L) maħruġa fl-għaxra ta' Ottubru elfejn u sbatax (10/10/2017), u l-passaport Malti numru 1280024 maħruġ fl-ewwel ta' Gunju elfejn u sbatax (01/06/2017);

4. Tawtorizza lir-rikorrent u/jew lill-mandatarja tiegħu sabiex jirtira l-originali tad-deed poll esebit in atti.

Bl-ispejjez kontra d-Direttur intimat ingunt in subizzjoni.

Rat ir-Risposta Guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku kif isegwi:

1. Illi bla pregudizzju għas-suespost, l-esponent jistqarr li ma huwiex edott mill-fatti li gew indikati fir-rikors guramentat;

2. Illi bla hsara ghal premess, l-esponent jeccepixxi ukoll illi ghalkemm l-posizzjoni tal-ligi taghna hija kuntrarja ghal tibdiliet fil-kunjom tal-familja, ghajr fil-limiti espressament konsentiti bil-Ligi, huwa minnu wkoll li recentement il-qrati taghna kienu anqas rigidi fil-konsiderazzjonijiet taghhom ta' talbiet ghal bidliet tal-istat civili;

3. Illi fir-rigward tad-*deed polls*, ghalkemm dawn ma humiex regolati mil-ligi nostrana, ghandu jigi sottolinjeat illi l-Qrati taghna ddeciedew illi sabiex *deed poll* jkun jista' jigi rikonoxxut f'pajjiz esteru, ghandha: (i) ssir il-prova mir-rikorrent li d-*deed poll* ikun verament sar, (ii) prova tal-effetti tieghu skont il-ligi tal-pajjiz koncernat, u (iii) prova li saret xi forma ta' registrazzjoni;[1]

4. Illi fil-kaz odjern, saret talba ghar-registrazzjoni ta' Att tat-Twelid esteru tal-attur, liema talba qieghda tigi annessa u mmarkata bhala 'Dok. DRP 1'. Flimkien ma' din it-talba, l-attur forna lid-Direttur konvenut bl-Att tat-Twelid esteru tieghu, liema Att jinsab hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 2'. F'tali kaz, l-eponent jissottolineja illi registrazzjoni ta' Att ta' Stat Civili ssir ai termini tal-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn id-Direttur konvenut jislet dik l-informazzjoni mill-Att tal-iStat Civili esteru u jirregistra l-istess *ad verbatim* fuq dak Malti. Ghaldaqstant fil-kaz tal-attur, l-esponent ma setghax jiehu in konsiderazzjoni tad-*deed poll* u/jew tad-dokumenti kollha li kellu a disposizzjoni taghhom, gialdarba l-esponent kellu obbligu li jsegwi l-procedura kif kontemplata f'Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. B'hekk huwa pprovda lill-attur bl-Att tat-

---

[1] *Vide* s-sentenzi fl-ismijiet **Anthony Mallia et vs Direttur tar-Registru Pubbliku**, deciza mill-Qorti tal-Appell nhar il-31 ta' Jannar 2011, **Damian Jean Carlo Vincent Borg sive Damian Pandolfino vs Direttur Registru Pubbliku**, deciza mil-Prim' Awla tal-Qorti Civili nhar is-16 ta' Lulju 2015, **Jonathan Philip White (ID212496M) u Patrick Leonard White (ID214296M) vs Direttur tar-Registru Pubbliku**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili nhar it-30 ta' April 2019.

Twelid Malti, liema Att tat-Twelid jinsab hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 3';

5. Illi stante s-suespost, l-esponent umilment jirrileva li ghaldaqstant ma jirrizultax li kien effettivament sar xi zball jew saret xi ommissjoni mill-esponent stess;

6. Illi l-esponent jinnota illi l-attur, *inter alia*, ezebixxa mar-rikors promotur kopja tad-*deed poll* in kwistjoni u dan bl-intiza li jsostni t-talba kif dedotta minnu stess. Fid-dawl ta' dan u fir-rigward tat-talbiet kollha attrici, pero' b'eskluzjoni ghat-talba sabiex isiru l-korrezzjonijiet fic-certifikat ta' cittadinanza u l-passaport Malti, l-esponent jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv però li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi;

7. Illi bla hsara ghal premess u fir-rigward tal-korrezzjoni fic-certifikat ta' cittadinanza u l-passaport Malti, l-esponent jirrileva illi tali talbiet ma jistghux jintlaqghu minn din l-Onorabbli Qorti stante li Artikolu 253 tal-Kodici Civili jaghti lok ghal korrezzjonijiet f'Atti tal-Istat Civili biss;

8. Illi finalment u dan minghajr hsara ghall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tal-attur mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attur li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat illi fil-verbal tal-lum stess il-partijiet qablu li l-kawza setghet tmur ghad-decizjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti.

**Ikkunsidrat:**

Rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mar-rikors guramentat;

Rat ukoll id-dokumentazzjoni prezentata permezz tan-nota a fol. 20 et seq tal-process;

Rat partikolarment l-affidavit tar-rikorrent kif ukoll 'id-deed poll' li permezz tieghu jigi kkonfermat illi r-rikorrent bidel ismu minn 'Wenxuan Yu' ghal 'Wenxuan Evan Yu' kif jidher imnizzel fir-rikors guramentat;

Rat illi saret id-debita pubblikazzjoni;

**Decizjoni**

Ghaldaqstant stante li jirrizulta lil din il-Qorti mill-provi u mid-dokumentazzjoni kollha annessa li t-talba tar-rikorrent hija gustifikata il-Qorti tghaddi sabiex filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tar-Registratur Pubbliku intimat sakemm dawn huma nkompatibbli ma dak hawn deciz, tilqa' t-talbiet tar-rikorrent kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-isem korrett tar-rikorrent huwa 'Wenxuan Evan Yu';

2. Tilqa' t-tieni t-talba u tordna li jsiru l-korrezzjonijiet kollha neccessarji fl-atti tat-twelid tar-rikorrent, u dan billi jsiru l-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet mehtiega fl-att tat-twelid u f'kull att iehor relattiv u sussegwenti sabiex ismu jigi indikat u jkun maghruf bhala "Wenxuan Evan Yu" kull fejn ikun hemm mehtieg;

3. Tilqa' t-tielet talba in parte u tordna li jsiru l-korrezzjonijiet f'isem ir-rikorrent kull fejn jirrizulta u ikun hemm l-htiega fid-dokumentazzjoni fil-poter tad-Direttur intimat inkluz izda mhux limitatament ic-certifikat tat-twelid tar-rikorrent illi jgib in-numru 5609 tas-sena 2017, u d-dokumentazzjonijiet sussegwenti izda stante li l-intimat izda m'ghandux il-poter illi jbiddel ic-certifikat tac-cittadinanza kif ukoll il-karta' tal-identita tichad din il-parti tat-tielet talba;

   La darba din id-decizjoni ssir *res judicata* tilqa' r-raba' talba u tawtorizza lir-rikorrenti jirtira l-original tad-'deed poll' mill-atti esebiti;

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fic-cirkostanzi bl-ispejjez kontra r-rikorrent stess;

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**11 ta' Frar 2020**

**Karen Falzon**
**DeputatRegistratur**
**11 ta' Frar 2020**